**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 574/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1243/2015)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A";

2. Illi minn dan iż-żwieg twieled tifel li jismu E D B, nhar is-sebgha u għoxrin (27) ta Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), li llum ghandu hames (5) snin. Kopja tac-certifikat tat-twelid qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok B";

3. Illi l-partijiet ilhom separati de jure mis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) b'kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dr Rebecca Janelle Berry Wellman, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala "Dok C";

4. Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti ddekadew reciprokament mid- dritt għal manteniment mingħand xulxin;

5. Illi l-manteniment ghall-minuri dejjem thallas mill-intimat. Inoltre m'hemmx arretrati dovuti fir-rigward tal-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri li skond l-istess kuntratt ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qiegħda tippreżenta affidavit tagħha li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala "Dok D";

8. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi mhemm l-ebda impediment ghall-hall taż-żwieg.

9. Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li fid-dawl ta' dan id-divorzju hija qed tikkonferma mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cjoe "B";

Talbet lill-intimat, prevja d- dikjarazzjonijiet necessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal- Liġijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex effettivament tassumi mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cjoe B;

1. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż

Rat ir-risposta tal-intimat a fol 25 li permezz taghha espona:

1. Illi huwa m'ghandux oggezzjoni illi Din l-Qorti tiddikjara xjolt z-zwieg bejn il-kontendenti, kkontrattat fis-6 ta' Gunju, 2015.

2. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u li l-manteniment dovut ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tas-26 ta' Lulju 2022, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Janelle Berry Wellman dejjem thallas.

3. Illi l-intimat m'għandux jbati spejjes ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Lulju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tikkonferma mill-gdid illi kunjom ir-rikorrenti skont il-kuntratt ta' separazzjoni huwa dak ta' xbubitha u cioe' "B", tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi

zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.